MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1878/2002

**Avviz Numru 1878/02 AJD**
**Morina Aquasport Limited**

**vs**

**Abyss Diving Club (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fiil-5 ta’ Awissu, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tletin lira Maltin u seba’ centezmi (Lm830.07) rapprezentanti prezz ta’ servizzii rezi lis-socjeta’ konvenuta skond il-fatturi mmarkati minn Dok. ‘A’ sa ‘D’.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:
1. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici;

2. Illi fi kwalunkwe kaz ma gew provduti ebda servizzi lis-socjeta' konvenuta kif allegat fil-kawzali tat-talba tas-socjeta' attrici;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost l-ammont kif mitlub m'huwiex dovut;
4. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta titlob lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet attrici.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' konvenuta fit-28 ta' Ottubru 2002 fejn hija ammetiet it-talbiet attrici in kwantu jirrigwarda s-sorte.

Ra l-verbal tat-28 ta' Ottubru 2002 fejn it-Tribunal gie nfurmat li kien hemm qbil li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltin u seba' centezmi (Lm830.07), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**